

Brussell, 13 ta' Mejju 2022
(OR. fr)

8863/22

SOC 253
EMPL 157

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)/Kunsill
Suġġett:	Bord tat-Tmexxija tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol Ħatra tas-Sur Charles PARMENTIER, membru għal Franza, minflok is-Sur Pierre-Gaël LOREAL, li rriżenja

1. Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ġie infurmat bir-riżenja tas-Sur Pierre-Gaël LOREAL bħala membru tal-Bord tat-Tmexxija tal-Fondazzjoni msemmija hawn fuq fil-kategorija tar-rappreżentanti tat-trade unions (għal Franza).
2. Skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2019/127 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi l-Fondazzjoni Ewropea għat-titjib tal-kondizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol (Eurofound), u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1365/75, il-membri tal-Bord tat-Tmexxija jinħatru mill-Kunsill.

3. F'konformità mal-proċedura tas-soltu, l-organizzazzjoni tat-trade unions KETU nnominat lill-kandidat li ġej għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-31 ta' Marzu 2023:

Is-Sur Charles PARMENTIER
CFDT
4 bd de la Villette
75955 Paris cedex 19, France
Tel.: + 33142038322
Email: cparmentier@cfdt.fr

4. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jirrakkomanda li l-Kunsill:

- a) jadotta, bħala punt "A" fl-aġenda tiegħu, id-Deċiżjoni tal-Kunsill mehmuża li tissostitwixxi membru tal-Bord tat-Tmexxija tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol, u
- b) jordna l-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni, għall-informazzjoni, f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

—

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

ta'

li tissostitwixxi membru supplenti

tal-Bord tat-Tmexxija tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 2019/127 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Jannar 2019 li jstabilixxi l-Fondazzjoni Ewropea għat-titjib tal-kondizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol (Eurofound)¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

- (1) Fid-Deċizzjonijiet tiegħu tad-9 ta' April 2019², il-25 ta' Ġunju 2019³, it-8 ta' Lulju 2019⁴, is-16 ta' Settembru 2019⁵ u l-14 ta' Ġunju 2021⁶, il-Kunsill ħatar lill-membri u l-membri supplenti tal-Bord tat-Tmexxija tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol għall-perjodu mill-1 ta' April 2019 sal-31 ta' Marzu 2023.
- (2) Konsegwentement għar-riżenja tas-Sur Pierre-Gaël LOREAL, sar vakanti siġġu ta' membru fil-kategorija tar-rappreżentanti tat-trade unions.
- (3) L-organizzazzjoni tat-trade unions KETU nnominat kandidat għas-siġġu vakanti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ ĠU L 30 tal-31.1.2019, p. 74.
² ĠU C 135 tal-11.4.2019, p. 1.
³ ĠU C 216 tas-27.6.2019, p. 1.
⁴ ĠU C 232 tal-10.7.2019, p. 3.
⁵ ĠU C 314 tas-18.9.2019, p. 2.
⁶ ĠU C 234 I tas-17.6.2021, p. 1.

Artikolu 1

Is-Sur Charles PARMENTIER huwa b'dan maħtur membru tal-Bord tat-Tmexxija tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol minflok is-Sur Pierre-Gaël LOREAL, għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-31 ta' Marzu 2023.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill
Il-President